Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 58/2010/1

**Yvonne Camilleri**

**vs**

**Alfred Caruana u b'digriet tal-Qorti gie kjamat fil-kawza Ronnie Camilleri**

**Il-Qorti**

**Rat** li fil-5 ta' Dicembru, 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

**"Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar il-25 ta' Frar 2010, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti twaqqa' u tikkostruwixxi mill-gdid hajt divizorju fuq gewwa

tal-fond numru 161, Flat 1, Triq is-Sultana, Paola u dan stante li huwa ghamel hsara irreparabbli fl-imsemmi hajt meta baqnu minghajr awtorizazzjoni ta' l-istess attrici u dan kif jirrizulta mir-rapport peritali anness u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument YC 1. L-attur talab li t-twaqqigh u l-kostruzzjoni mill-gdid tal-imsemmi hajt u kwalunkwe xoghlijiet ancillari ghandhom isiru taht is-supervizjoni ta' periti nominandi.

Fin-nuqqas li jaghmel dawn ix-xoghlijiet kollha necessarji fiz-zmien li tipprefiggi din il-Qorti, l-istess attrici qieghda titlob li tigi awtorizzata taghmel ix-xoghlijiet kollha hi a spejjez tieghu taht supervizzjoni ta' l-istess periti nominandi u f'tali kaz qed jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha minnha inkorsi wara li jigu certifikati mill-istess perit mahtur mill-Qorti.
Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata nhar is-7 ta' Mejju 2010 fejn eccepixxa:

*"Illi t-talbiet attrici inkwantu diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi sussidjarament u bla pregudizzju jekk hemm xi htija ta' xi hadd, dan jista' jkun biss hu l-attrici Ronnie Camilleri li ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza."*

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 2010 fejn din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut sabiex jigi kjamat in kawza hu l-attrici u cioe Ronnie Camilleri.

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawza Ronnie Camilleri prezentata f'din il-Qorti nhar id-9 ta' Dicembru 2010 fejn eccepixxa:

1. *"Illi fl-ewwel lok l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent qatt ma ta l-ebda struzzjoni jew b'xi mod indika lill-konvenut li ghandu jaghmel xoghlijiet fil-fond ta' l-attrici.*

3. *Illi f'kull kaz l-esponent b'ebda mod m'ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti.*
4. *Salv eccezzjonijiet jew risposti ohra*."

Rat illi **Yvonne Camilleri** xehdet nhar il-11 ta' Mejju 2011 u kkonfermat li kienet wirtet minghand missierha, il-flat numru 161/2 Triq is-Sultana, Paola. Missierha kien miet sittax-il (16) sena qabel. Kif miet missierha hija hadet pussess fuq dan il-post. Huwha Ronnie ghandu flat faccata tieghu li huwa Flat numru 161/1, Triq is-Sultana, Paola. Taf illi huwa kien qabbad lil Alfred Caruana, il-konvenut, biex jaghmel xi xoghol fil-flat tieghu.

Waqt li kien qed isir ix-xoghol fil-fatt ta' huha kienet sabet xi hitan divizorji li kellha mal-flat ta' ħuha mbaqqnin. Qalet li hija qatt ma tat permess lil Alfred Caruana sabiex jaghmel dan ix-xoghol fuq il-hitan taghha, u fil-fatt qatt ma talbet lil Alfred Caruana sabiex jaghmel xi xoghlijiet ghaliha.

Mistoqsija kif effettivament dahal fil-fond proprjetà taghha wiegbet li ma tafx. Mistoqsija jekk sofrietx xi hsara, b'dan ix-xoghol ta' tbaqqin, wiegbet iva, u li minhabba dan ix-xoghol ta' tbaqqin anke gebel inkisrulha. Iddikjarat li dawn il-kmamar li gew imbaqqnin huma fuq gewwa tal-flat. Sussegwentement kienet marret ghand il-perit u kienet haditu d-dar biex jara x-xogħlijiet li kienu saru u qalet illi huwa kien ghamillha rapport fejn kien taha stima tad-danni li sofriet, u dan ir-rapport li taha l-perit, huwa esebit a fol 2 immarkat bhala Dokument "YC 1" u fih hemm stima tat-tlett (3) faccati tal-kmamar li gew imbaqqnin mill-konvenut. Il-perit qallha li biex dawn il-hitan jergghu jigu kif kienu jridu jaqghu u jinbnew mill-ġdid.

Qalet li hija kienet kitbet lill-konvenut qabel ma fethet din il-kawza izda kien kellimha hazin. Taf ukoll illi kien wiegeb lill-avukat taghha.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Gunju 2011 fejn din il-Qorti kif preseduta kienet innominat lil AIC Reuben Sciortino sabiex jiehu konjizzjoni tar-rapport imsemmi fl-atti u markat bhala Dok YC1 u jirrelata dwar il-hsarat li hemm

f’kaz li jirrizultalu li hemm  u dan fil-hajt indikat fir-ritratti annessi mar-rapport.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2012 deher il-Perit Reuben Sciortino u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dokument RS.

Minn ezami ta din ir-relazzjoni jirrizulta is-segwenti:

1. Illi meta inbena il-hajt originarjament dan ma nbeniex biex jithalla ‘fuq il-fil’. Tant hu hekk li ammont ta’ knaten instabu imtajrin (meta inbnew originarjament) u dan huwa vizibli fir-ritratti numru tnejn (2), erbgha (4), hamsa (5) u sitta (6).
2. Huwa minnu ukoll li meta sar it-tbaqqin ittajru x-xifer tal-knaten u dan huwa vizibbli fir-ritratti numru disgha (9) u hdax (11), waqt li l-kundizzjoni tal-knaten qabel it-tbaqqin huwa vizibbli fir-ritratti numru tlieta (3), ghaxra (10) u tnax (12).
3. Huwa tal-fehma li l-hajt irid jinqala mhux minhabba id-daqqiet tat-tbaqqin izda minhabba l-imprecizjoni ta’ kif ittella l-hajt.
4. Issugerixxa soluzzjoni ohra li jinbena qoxra ta’ tlett pulizieri biex jitghatta dan il-hajt ezistenti.
5. Illi bhala stima sabiex jinqala dan il-hajt u jinbena iehor fuq il-fil jehtieg spiza ta’ tmien mija u tletin Ewro (€830) oltre VAT u sabiex jinbena qoxra huwa l-opinjoni tieghu li l-istima ghandha tammonta ghal mhux aktar minn seba’ mitt Ewro (€700) oltre VAT.

Rat illi l-**Perit Reuben Sciortino** xehed fit-23 ta’ Mejju 2012 fejn gie mistoqsi kif wasal ghall-konkluzjoni li effettivament fil-fond kien hemm xi knaten li kienu mtajra u effettivament kienu ilhom imtajra, wiegeb li dan jirrizulta minn *weathering* li jkun hemm fuq il-kantun in kwistjoni. Bazikament il-kulur tal-kantun ikun jew jisfar jew iswed. Il-fatt li l-knaten gew imbaqna ma jaccellerax il-process ta’ lwien. Huwa ghamel referenza ghar-ritratti esebiti fir-relazzjoni tieghu, fejn qal li jekk thares fir-ritratt numru sitta, wiehed jinduna li daqqa ta’ sega li nghatat meta kien inqata’ l-kantun, tinduna li l-*weathering* minn hemmhekk huwa differenti mid-daqqiet tal-baqqun. Ghalhekk wiehed

seta’ jistabilixxi li l-qasma tal-baqqun jew tas-sega saret qabel ma’ effettivament sar it-tbaqqin. Meta huwa ghamel referenza li l-attrici xtaqet thalli l-hajt fuq il-fil, il-perit kien ghamel referenza ghar-rapport imhejji mill-Perit Mangion. Huwa ghamel referenza ghall-ahhar sentenza ta’ l-ewwel pagna tar-rapport tal-perit Mangion fejn hemm miktub li kien bi hsiebu jinvja l-hajt dan ifisser li xtaq ihallih fuq il-fil, kif ukoll is-sid xtaq ihalli l-hajt mhux imbajjad. Hemm miktub li kien ser jibqa’ fuq il-fil, ghaliex ma kienx ser isir xi zebgha fuqu. Naturalment jekk jinkesa dan il-hajt kien ser isir hajt imtenni. Il-perit spjega li jekk jinkesa bil-kisi jrid jigi mbaqqan u jekk ser jinkesa bil-gypsum boards, jitla’ gypsum board mieghu. Ix-xhud, fir-relazzjoni tieghu ta diversi soluzzjonijiet ta’ x’jista jsir ma’ dan il-hajt, jekk jitla qoxra dan ser jitnaqqas mill-arja tal-kamra bi tlett pulzieri. Ghal hxuna tal-hajt f’dak il-kaz, jekk ikun hemm hajt wiehed biss bil-hajt qoxra u l-ohrajn ikun mizbugha, ghax jista’ jkun hemm ukoll parti b’qoxra. Dan jiddependi minn xi jkun irid il-klijent. Huwa kkonferma li kif inbena l-hajt, ma kienx intenzjonat li jibqa’ fuq il-fil. Huwa qal li l-attrici riedet il-hajt fuq il-fil minhabba dak li kkonkluda l-perit taghha l-Perit Mangion.

Rat illi l-**Perit Joseph Mangion** xehed ukoll fit-23 ta’ Mejju 2012 fejn ikkonferma li l-attrici hija klijenta tieghu u nkarigatu sabiex jaghmel rapport. Huwa ra r-rapport esebit fl-atti u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument YC1 a fol 2 et seq tal-process. Huwa kkonferma li dan huwa r-rapport li ghamel hu stess.

Il-perit stqarr illi dan il-hajt in kwistjoni kien rah qabel ma effettivament sar ix-xoghol ta’ tbaqqin fuqu. Il-hajt kien ta’ prattika normali kif jigi mill-barriera, jitpogga, kien ghalhekk bhal hitan l-ohra. Is-sinjura Camilleri kellha l-hsieb li riedet thallih fuq il-gebel. Huwa stqarr li meta kien qed jinbena l-hajt ma kienx wiehed ta’ fuq il-fil izda kien wiehed ta’ hajt normali. Fis-sens li kien naturali mhux miksi. Naturalment is-sinjura Camilleri xtaqet li tberfel il-hajt u mbaghad taghtih is-silicone. Dan qabel ma fil-fatt sar it-tbaqqin fuq il-hajt. Naturalment qabel ma’ sar it-tbaqqin dan setgha jsir. Meta x-xhud rega’ mar fit-tieni okkazzjoni sab li l-hajt kien kollu mbaqqan u mkisser ukoll.

Huwa rega' mar sabiex jistabbilixxi d-differenza tal-hajt kif kien qabel u wara t-tbaqqin. Illum il-gurnata kif inhu l-hajt b'dan it-tbaqqin kollu ma setax isir kif xtaqet Mrs Camilleri u cioe' bit-tberfila u bis-silicone, b'daqqa ta' mannarett il-fili kibru hafna u twessaw. Fil-fehma tax-xhud il-hajt huwa irrovinat fis-sens li ma jistghax isir kif xtaqet is-sinjura Camilleri originarjament. Fil-fehma tieghu l-hajt ma jistax jigi kif kienet tixtiequ hi, illum il-gurnata ghax il-hajt huwa mkisser. Biex isir kif xtaqet hi, il-hajt irid jinbidel kollu. Huwa esebixxa rapport ulterjuri li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok LS u qal li dan huwa r-rapport li ghamel wara li ha l-konjizzjoni tal-Perit Sciortino tal-Qorti. Huwa xtaq jenfasizza li l-hajt qatt ma kien ghal fuq il-fil.

Mistoqsi meta kien l-ewwel darba li ra l-hajt wiegeb li ma jiftakarx u zied jghid li meta huwa kien mar originarjament ghand l-attrici, kien qed isir xi xoghol ta' kostruzzjoni fuq il-post, kien jonqos biss li l-hajt in kwistjoni jigi msaqqaf. Mistoqsi jekk fil-fatt kienux inbnew l-erba' hitan qal li kien ghad jonqos biss li ssir il-faccata u mbaghad is-saqaf. Mistoqsi meta effettivament l-attrici bniet dan il-hajt qal li ma jafx, pero' kien jidher li ma kienx gebel antik. Meta huwa mar ma kienx hemm xoghol ghaddej f'dak il-mument. Huwa ma setghax jghid jekk kienx hemm xi xoghol ricenti ghaddej, ghax f'dak il-mument ix-xoghol kien wieqaf. Pero' qal li kien hemm il-gebel. Huwa qal li kien hemm xi knaten kif murija fir-ritratt. Fir-rokna tar-ritratt hemm xi knatan wiefqa.

Mistoqsi min kien il-perit li qed jiehu hsieb ix-xogholijiet tal-binja qal li ma jafx min hu. Mistoqsi jekk uritux xi pjanta approvata mill-MEPA qal li le. Huwa qal li kull ma staqsietu l-attrici hu jekk sarx nuvja ghal hajt u seghtatx taghmel tberfila. Huwa qalilha li seghtet pero' wara li taghmel is-silicone. Huwa minnu dak li qed jigi allegat li hija riedet biss parir fuq dak il-hajt u qaltlu l-post adjacenti maghha kien ta' huha. Mistoqsi jekk huwa dahalx fil-post ta' huha qal li le ma dahalx. Qal li malli tela' t-tarag dahal ghandha dirett u ma tax kas x'kien hemm apparti. Hija ma dahlet fl-ebda ambjent ta' post, marret sabiex tara l-hajt biss.

Il-kjamat in kawza **Ronnie Camilleri** xehed nhar it-23 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li hu jigi hu Yvonne Camilleri, l-attrici. Qal li ghandu l-flat tieghu faccata ta' dak ta' ohtu u jitilghu mit-tarag kommuni. Huwa lis-sur Caruana kien qabdu biex jaghmel xi xoghol fil-propjeta' tieghu u kien talbu biex jaghmel xi xogholijiet. Fil-fatt esebixxa ricevuta tax-xoghol li qabdu jaghmel li giet immarkata bhala Dok S. Rigwardanti l-propjeta' ta' ohtu kien qal lis-Sur Caruana li hu m'ghandu x'jaqsam xejn, li ma seta' juza xejn, lanqas l-ilma u fil-fatt qallu li kellu zewg tankijiet tal-elf li ghadhom hemm sal-lum. Huwa ma kienx ikun on site il-hin kollu, imma qal li fl-ebda hin ma tah xi ordni biex ibaqqan il-hajt ta' ohtu. Ix-xhud joqghod fil-fond 163, Triq is-Sultana, Paola. Jaf li s-sur Caruana dam gimgha jaghmel ix-xoghol pero' ma kienx jitla' u jnzel il-hin kollu hdejh. Huwa jahdem bhala port worker u m'ghandux hinijiet. Qal li lis-sur Caruana hallieh jaghmel is-soqfa tieghi u gieli lanqas tela' darba kuljum. Jaf li huwa beda naqra hajt, naqra mis-saqaf u x-xoghol ma lestiehx kollu. Ix-xhud urieh l-post tieghu u talbu biex jiksilu s-saqaf u xi kmamar u fl-ebda hin ma talbu biex ibaqqanlu. Huwa ma ftehmx mal-konvenut biex ibbaqqan xi hitan. Qal li ma qallux biex ibbaqqan u jekk huwa xtaq igib il-hajt fuq il-fil seta' jgibu fuq il-fijl.

Ix-xhud qal li ghandu kcina combined, kamra tal-banju u tlett kmamar tas-sodda, u xtaq jiksilu dawn il-kmamar u kien ftiehem mieghu li malli jlesti, huwa kien ser ihallsu. L-ircevuta li esebixxa fil-fatt hija id-deposit tal-flus li ghaddielu. Mistoqsi jekk huwa nghatax stima minghand il-konvenut iddikjara li iva nghata stima pero' kien taghhielu bil-kliem, u illum il-gurnata nesa kemm kienet ghax ghadda iz-zmien. Mistoqsi jekk seghtatx kienet is-somma ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) wiegeb li ma jiftakarx kemm kienet is-somma, jaf li ghaddew fuq is-sentejn, fil-fatt qallu sabiex jghaggel sabiex ma' jidholx ilma. Huwa minnu li dak iz-zmien x-xhud kien ser jizzewweg pero' minn dak iz-zmien 'l hawn thassar kollox. Vera li huwa qallu biex jghaggel biex ilesti, u ma jafx jekk kienx qallu kemm ser idum biex ilesti l-post.

Rat illi **<u>PS 1257 Conrad Ellul</u>** xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 fejn iddikjara li huwa kien gie mitlub jesebixxi rapport li sar fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid nhar id-19 ta' Ottubru, 2009 u dan fuq rapport maghmul minn certu Yvonne Camilleri ta' 167, Zaren, Triq is-Sultana, Paola. Huwa esebixxa kopja ta' din l-okkorrenza li l-Qorti mmarkat bhala Dokument PS. Ix-xhud ikkonferma li dan ir-rapport gie mehud u ffirmat minnu stess. Mistoqsi jekk minn dan id-dokument jirrizultax illi fil-fatt ittiehdu xi passi kriminali fil-konfront ta' Alfred Caruana, qal li ma jirrizultalux minn dan id-dokument. Pero' huwa kien talab lis-sinjura Camilleri biex tinfurmah jekk kienet ser tiehu xi passi.

**<u>Il-konvenut Alfred Caruana</u>** xehed nhar is-17 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li xoghlu huwa plasterer, jiksi d-djar. Zied li jibni u ghandhu wkoll esperjenza ta' hamsin sena fuq dan ix-xoghol. Stqarr li lil Henry sive Ronnie Camilleri jafu peress li huwa gar tieghu.

Kompla jzid li, Camilleri jghix ghaxar bibien 'il fuq minnu u li fil-fatt jafuh bhala Ronald. Tenna li darba minnhom jiftakar li kien qieghed jiekol, u giet fuqu l-mara tieghu u qaltlu li kien habbat il-bieb u kien hemm Ronald u talbu sabiex imur jahdimlu, u zied li hu kien qallu li una volta ilesti mill-ikel, imur jara x'kellu xoghol u jaghtih stima. Mistoqsi jekk kienx jaf il-post, iddikjara li jafu. Iddikjara li fil-fatt kien qallu biex imur jiksilu u jkahhalu hajt, li jinsab fl-istess triq taghhom. Iddikjara li kien bena' fuq dar shiha u kien talbu sabiex jiksilu gewwa u zied li kien ra x-xoghol u kien tah stima ta' seba' mitt (Lm 700) Lira Maltin, biex jaghmillu x-xoghol ta' gewwa. Ikkonferma li qallu sabiex jaghggel ghaliex kellu hsieb li jizzewweg ix-xahar ta' wara. Zied li kien gablu sahansitra c-ceramika u talbu sabiex iqeghdilu mal-art, u kkonferma li fil-fatt huwa beda jiksi, flimkien ma' ibnu u mal-lavrant tieghu. Iddikjara li fil-fatt meta beda jiksi kien beda' jqattar il-bejt u staqsieh jekk kienx gieghel lil xi hadd sabiex jaghmillu l-kontra bejt u zied li fil-fatt qallu sabiex jghaggel f'dak ix-xoghol ghaliex ma setax ikun li huma jiksu filwaqt li jkun hemm is-saqaf iqattar. Tenna li sa dan it-tant mar l-kuntrattur u ghamel il-kontra bejt u zied li qabel ma lesta kollox, kellu jaghtih

ukoll stima tax-xoghol li kellu jaghmel fuq barra. Stqarr li l-post kien gie mibni xi ghoxrin sena ilu u kien gie mibni kollu bil-bricks. Zied li fost dak li kien hemm, sab li kien hemm hajt ta' xi seba' piedi tal-gebel u bejt li kellu z-zmien. Huwa kien qal lil dan Ronald Camilleri li kien naqra mhabbat izda kien lest li jbaqqanulu u dan biex jiksuh bis-siment u r-ramel, kif kien ser jaghmillu kullimkien. Iddikjara li hu qallu li ma jifhimx u li kien ghalhekk li qabbad lilu, u ghalhekk hu baqqnu bil-kuntentizza tieghu. Tenna li l-post li kien qed jirranga kien jinsab bejn il-propjeta' ta' ohtu u ta' ommu. Ikkonferma li lil lavrant qabbdu jbaqqan u dan zied li dam gimgha ibaqqan. Kompla jzid li t-tnejn kien ghamel l-ghagna biex jibda' jiksi u ikkonferma li sa dak it-tant kollox kien miexi harir.

Tenna li ohtu kienet qisha it-tifla tieghu u li hu gieli mar jahdem mieghu u zied li jafhom sewwa. Ikkonferma li fid-daqqa u l-hin jaf li telghet ommu, flimkien ma' ohtu u jaf li bdew jghajtu mieghu u jghidulu, x'kien ghamel. Iddikjara li bdiet tikkustjona mieghu, u tghidlu ghaliex effettivament kien baqqan il-hajt, u zied li meta qaltlu li kien baqqan il-hajt, huwa qalilha li ma jimpurtax ghax kien ser jiksih lixx. Stqarr li qalilha li jekk hi tridu fuq il-fijl, dan seghtet tiksieh b'gabra ta' kwart ta' pulzier. Iddikjara li qaltlu, li rieditu biex ibiddel il-hajt u hu ikkonferma li ma kienx lest li jaghmel dak. Ikkonferma li mbaghad qalilha li kien lest li jbiddel il-hajt, pero' hija riedet li jbiddel ukoll is-saqaf. Stqarr li t-tifel tieghu qallu li kien ahjar li jaqbdu l-ghodda u jitilqu l'hemm. Ikkonferma li huwa dar fuqha u qalilha sabiex tfittex avukat. Zied li Ronald, fl-ebda hin ma qallu li l-propjeta' ma kienetx tieghu u lanqas ma qallu sabiex ma immishix. Tenna li, pero' jaf li meta kienu qed iduru l-post kien hemm bicca u qallu sabiex ma jmisshiex ghaliex kienet ta' ohtu, pero' zied li rigward dak il-hajt ma' qalx li kien ta' ohtu. Ikkonferma wkoll li kien hemm tieqa safra skura u qallu biex ma jmissiex. Ikkonkluda li x-xoghol ma spiccahx u effettivament lanqas biss thallas, hlief ghal mitejn Ewro (€200).

Rat illi **Alfred Caruana** xehed in kontro-ezami nhar l-14 ta' Novembru 2012 fejn iddikjara li kellu zewg ftehim ma'

hu l-attrici. Huwa spjega li ftehim minnhom kien biex jiksi u jkahhal u wara kien ftiehem mieghu biex idur barra. Qabel ma x-xhud beda jkahhal fuq gewwa qallu biex jiftehmu fuq barra, biex ix-xita ma tinfidx ghal gewwa.

Ix-xhud stqarr illi ma jafx li hemm kurutur bejn il-proprjeta' tal-attrici u dak ta' Ronnie Camilleri. Huwa jaf li hemm tromba ta' tarag biss. Fuq barra kien hemm hajt hazin bis-sol u qallu li kellu jgib ir-ramel u siment sabiex ikahhlu izda Ronnie Camilleri dar fuq ix-xhud u qallu li jaf x'ghandu jsir. Waqt li kienu barra dan qal lix-xhud biex ma jmissx hajt partikolari ghax kien ta' ohtu. Ix-xhud ikkonferma li l-post ta' Ronnie Camilleri u tal-attrici huma separati, b'bibien separati.

Ix-xhud cahad li l-attrici waqfitu milli jaghmel xi xoghol. Huwa spjega li l-attrici semghetu jbaqqan pero' qatt ma waqfitu. Hija waqfitu meta gie biex jiksi. Ix-xhud stqarr li l-lavrant dam ibaqqan ghal gimgha u qatt ma' waqfitu. Kien f'ghodwa partikolari ghal xi s-sebgha neqsin kwart ta' filghodu waqt li kien qieghed jaghgen biex jiksi meta telghet ma' ommha u waqfitu. Pero' f'dik il-gimgha li kien qed ibaqqan, l-attrici gieli telghat imma qatt ma' qalet xejn.

Ix-xhud iddikjara li hu dejjem hemm kien ikun waqt li kien qed isir ix-xoghol, anke hu l-attrici kien ikun hemm. Huwa sostna li meta kien qed ibaqqan, l-attrici ma telghatx fuq. Telghat biss darbtejn u talbitu biex idurilha l-bejt. Huwa kien ftiehem maghha pero' l-ghada regghet telghat u qaltlu li ma felhitx thallas. Huwa ghamel dan il-ftehim maghha qabel ma' beda jbaqqan. Huwa qatt ma' qalilha li kien lest li jibdel il-hajt. Dakinhar li wafitu, x-xhud qalilha li hu kien lest li jiksib il-hajt u jhallsu huha tax-xoghol. Dan ghax ix-xhud ghamel il-ftehim ma' huha u mhux maghha.

Meta huwa stqarr f'xhieda precedenti li kien lest li jbiddel il-hajt huwa spjega li kien jiksih. Il-haddiema tax-xhud li kellu mieghu kienu huh u haddiem iehor. Kien huwa stess li taghhom l-ordni biex ibaqqnu.

Ix-xhud spjega li l-post ta' Ronnie u ta' Yvonne huma separati. Fil-fatt lanqas kien jaf li l-hajt huwa taghha ghax

ma kiexihares lejh. Fil-fatt dan il-hajt li kien qed ibaqqan mhux fil-post ta' Yvonne. Pero' hemm l-arja vojta ta' Yvonne Camilleri u l-hajt mhux ta' Yvonne Camilleri. Il-hajt in kwestjoni ma jaghtix fuq l-arja ta' Yvonne lanqas, izda jaghti fuq l-arja ta' ommha cioe' fuq il-post ta' ommha. Huwa ma jafx jekk il-post ta' ommha hux taghha, pero' jaf li hu fuq il-post ta' ommha. Dan il-hajt jaghti fuq arja ta' post mhux zvillupat.

Ix-xhud spjega li l-hajt li huha qallu biex ma jbaqqanx ma ghandux x'jaqsam mal-hajt in kwistjoni ghax qieghed fuq parti ohra differenti tal-bejt. Meta huwa mar biex jaghmel ix-xoghol fuq il-proprjeta' ta' Ronnie, huwa dahal minn bieb. Huwa jaf li mit-tromba fethu bieb iehor li jaghti ghall-proprjeta' ta' ommhom ghax kien imur minn din il-bokka biex jiehu l-ilma sabiex jaghgen bih.

Ix-xhud sostna li apparti dan il-hajt li baqqan, huwa ma' baqqan l-ebda hajt iehor. Huwa spjega li dawn huma zewg flats u titla' ghalihom b'tarag komuni. Fuq naha hemm ta' Ronnie u fuq in-naha l-ohra hemm ta' Yvonne. Fejn baqqan ix-xhud jigi n-naha ta' Ronnie.

Semghet lill-avukat difensur tal-attur u tal-konvenut jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2012.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni salv ghal kwistjoni jekk il-kjamat in kawza verament tax ordni lill-konvenut sabiex ibaqqan il-hajt li allegatament l-attrici tghid li huwa taghha.

Jidher li hemm xi nuqqas ta' qbil bejn dak li xehdu l-partijiet u cioe' l-attrici, il-konvenut u l-kjamat in kawza.

Fil-kaz in ezami, l-iskrutinju li jehtigilha taghmel il-Qorti huwa essenzjalment il-kwezit ta' jekk hux minnu li l-kjamat in kawza kienx ta ordni lill-konvenut sabiex ibaqqan hajt li kien hemm fil-vicinanzi ta' fejn kien qed jaghmillu x-

xoghol, u dan ghaliex fin-nuqqas ta' tali prova l-konvenut zgura li ma jistax jinzamm responsabbli ghal dak li effettivament kien ghamel. Dwar dan, ix-xhieda prodotta mill-partijiet hija konfliggenti.

F'dan il-kuntest, ghalhekk, il-Qorti tirreferi ghal dak li sahqet fuq il-Qorti fil-kawza "**Farrugia vs Farrugia**" (deciza fl-24 ta' Novembru 1966):

"*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*"

U fil-kawza "**Paul Vassallo vs Carmelo Pace"** (Vol. LXX. II. 144):

"*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghall-principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*"

Inoltre, inghad ukoll fil-kawza "**Zammit vs Hili**" (deciza fis-27 ta' Gunju 1953):

"*Ma hux dubitat li r-regola generali hi li l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah – "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat". L-attur qieghed jghid li l-fond hu detenut prekarjament mill-konvenut, u kwindi jista' jidher "prima facie" li l-piz tal-*

*prova ta' l-allegazzjoni tieghu, dik cjoe tal-prekarjeta`, hu mixhut fuq l-attur. Izda spiss jigri illi waqt li l-kawza tkun miexja l-piz tal-prova jghaddi fuq il-parti l-ohra, ghax jista' jkun gie stabbilit fatt li juri "prima facie" li t-tezi tal-attur hi sostenuta."*

U aktar ricenti dak li intqal fis-sentenza li inghatat fl-ismijiet '**Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et',** deciza nhar it-28 ta' April 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn inghad li:

"*Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*
*Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-*

*probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."*

Illi l-kjamat in kawza Ronnie Camilleri in primis jecepixxi li huwa mhux il-legittimu kontradittur.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju,kienetx materjalment parti fin-negozju li,skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ombra ta dubbju li l-kjamat in kawza kien qabbad lill-konvenut sabiex jaghmel xi xoghol ta' kisi, tibjid u xoghol ancillarju fil-prorpjeta' tieghu gewwa Triq is-Sultana, Paola fejn fil-vicinanzi hemm ukoll proprjeta' li tappartjenu lil ommu u lil ohtu l-attrici. Jidher li l-konvenut kien qed jahdem skond ix-

xewqa tal-kjamat in kawza u cioe' skond dak mitlub minnu. Jidher ukoll li l-kjamat in kawza kien imur isegwi dak li kien ghaddej u ghalhekk l-Qorti ma tistax tifhem lill-kjamat in kawza meta jghid li ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza jew ahjar li m'ghandux interess guridiku f'din l-istanza meta huwa nvolut fil-mertu tal-kwistjoni. Ghalhekk tali eccezzjoni tal-kjamat in kawza qed tigi michuda.

Rigward il-kumplament tal-eccezzjonijiet jinghad li fir-rigward l-eccezzjoni tal-konvenut li t-talbiet in kwantu huma diretti lejh huma infondati fil-fatt u fid-dritt u bla pregudizzju zgur li ma jistax jinzamm responsabbli ghal dak li gara fuq ordni tal-kjamat in kawza. Filwaqt li fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza, jghid li huwa qatt ma ta struzzjonijiet lill-konvenut sabiex jaghmel it-tbaqqin tal-hajt in kwistjoni.

Din il-Qorti ghandha x-xorti li ghexet dan il-process u rat u apprezzat l-imgieba tax-xhieda waqt li kienu fil-pedana tax-xhieda u rat il-komportament taghhom u dak li kellhom xi jghidu u x'interess seta' kellhom f'dak li qalu. Ma hemmx dubbju li l-partijiet kollha huma nies semplici. Jirrizulta b'certezza pero' li x-xoghol li kien qed jaghmel il-konvenut kien qed isir taht is-supervizjoni tal-kjamat in kawza u skond l-ordnijiet tieghu u dan ghaliex in kontro-ezami nhar l-14 ta' Novembru 2012 jghid li l-kjamat in kawza kien imur ta' sikwit isegwi x-xoghol u meta l-konvenut kien jghidlu x'kien ser jaghmel kien jghidlu li kien qed ihalli f'idejh ghaliex dak xoghlu u li kien jifhem aktar. Mistoqsi jekk l-attrici kienetx issegwi dak li kien ghaddej tghid li kienet tmur ta' sikwit ghalkemm mhux meta kien qed isir it-tbaqqin.

Jidher li l-lavrant tal-konvenut dam gimgha ibaqqan u dan il-post huwa adjacenti mal-proprjeta' ta' l-attrici u allura ma kellhiex tinduna b'dak li kien ghaddej u jekk ma kinitx kuntenta bix-xoghol ghaliex fil-fatt il-hajt kien taghha ma setghetx twaqqaf lill-konvenut.

Il-konvenut jghid li l-kjamat in kawza kien urih ezattament x'kellu jaghmel u fejn kien tieghu u ma kienx u fejn ma

kienx qallu sabiex ma jmissux. Mistoqsi jekk l-kjamat in kawza qallux li l-hajt in kwisjtoni kien ta' ohtu jghid li le anzi jghid li kienu tkelmu dwaru u ftehmu li kellu ibaqqnu sabiex wara jiksih. Il-konvenut ghalhekk ghandu ragun jistghageb kif spicca imharrek f'din il-kawza meta kull ma ghamel kien li segwa l-istruzzjonijiet ta' l-allegat sid il-fond u cioe' ta' Ronnie Camilleri, il-kjamat in kawza.

Il-Qorti ezaminat ir-rapporti tal-Perit tal-Qorti kif ukoll dak tal-parte civile u jirrizulta li l-hajt verament gie imbaqqan. Mhux in diskuss li l-hajt gie imbaqqan mill-konvenut. Ma jidhirx li huwa kontestat li l-hajt in kwisjtoni effettivament huwa ta' l-attrici ghalkemm jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kjamat in kawza kien verament ta ordni lill-konvenut sabiex ibaqqnu.

Jirrizulta mill-provi li l-hajt kif mibni originarjament ma kienx mibni sabiex jinzamm fuq il-fil u dan ghaliex kif stqarr il-Perit Ruben Sciortino kien hemm numru ta' knaten li kienu imtajrin kif muri fir-ritratti 2,4, 5 u 6 kif ukoll ghax ma kienx mibni bi precizjoni. Jidher li meta il-hajt tbaqqan ittajjar ukoll xi xifer tal-knaten kif jidher mir-ritratti 9 u 11.

Illi pero fil-fehma tal-perit parte civile dan il-hajt ma jistax jigi prestinat ghall-istat li kien qabel. Il-Perit tal-Qorti ikkonkluda li jew ghandha tinbena qoxra gdida mal-hajt gja esistenti u imbaqqan, liema stima tammonta ghal sebgha mitt euro (€700) jew addirittura jinqala' u jinbena mill-gdid b'valur ta' tmien mija u tlein Ewro (€830). Illi pero' jigi rilevat li l-attrici ma xtaqitx tiksih kif del resto kellha kull dritt ghaliex kien taghha. Il-kjamat in kawza ma gab l-ebda prova sabiex jikkuntradixxi dak li allegat u cioe' li l-hajt kien taghha.

**Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku tordna li l-konkluzjoni ta' dan ir-rapport jifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza u dan billi tordna lill-**

**kjamat in kawza jtella' qoxra mal-hajt gja ezistenti mertu tal-kawza a spejjez tieghu fi zmien xahar mil-lum u fin-nuqqas tordna lill-attrici taghmel dan a spejjez tal-istess kjamat in kawza u dan taht is-supervizjoni tal-istess Perit Ruben Sciortino. B'dan illi l-ispiza tal-bini tal-qoxra m'ghandhiex teccedi s-seba' mitt Ewro (€700).**

**Tichad it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut u dan billi tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati kollha mill-kjamat in kawza.**

**Rat** li l-kjamat Ronnie Camilleri hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-imsemmi kjamat fil-kawza fejn gie sottomess:-

Illi permezz ta' rikors datat 25 ta' Frar 2010, l-attrici talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat mill-Qorti iwaqqa' u jikkostruwixxi mill-gdid hajd divizorju fuq gewwa tal-fond numru 161, Flat 1, Triq is-Sultana, Paola u dan stante li huwa ghamel hsara irreparabbli fl-imsemmi hajt meta baqqnu minghar awtorizzazzjoni ta' l-istess attrici u dan kif jirrizulta mir-rapport peritali anness u mmarkat bhala Dok YC 1. L-attrici talbet li t-twaqqigh u l-kostruzzjoni mill-gdid tal-imsemmi hajt u kwalunkwe xoghlijiet ancillati ghandhom isiru taht is-supervizjoni ta' periti nominandi. L-attrici talbet ukoll li fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel ix-xoghlijiet kollha necessarji fiz-zmien li tipprefiggi l-Qorti, l-istess attrici talbet li tigi awtorizzata taghmel ix-xoghlijiet kollha hi a spejjez tal-konvenut taht superizjoni ta' l-istess periti nominandi u f'tali kaz il-konvenut ikun ikkundannat ihallas l-ispejjez kollha minnha inkorsi wara li jigu certifikati mill-istess perit mahtur mill-Qorti. Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Permezz tar-risposta tieghu ipprezentata fis-7 ta' mejju 2010 il-konvenut eccepixxa illi t-talbiet attrici inkwantu diretti kontra tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Sussidjarjament u bl-apregudizzju jekk hemm xi htija ta' xi hadd, dan jista' jkun biss h u l-attrici Ronnie Camilleri li ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Illi l-esponent gie kkjamat fil-kawza u permezz ta' rispsota eccepixxa illi fl-ewwel lok mhuwiex il-legittimu kontradittur, u li minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent qatt ma ta l-ebda struzzjoni jew b'xi mod indika lill-konvenut li ghandu jaghmel xoghlijiet fil-fond tal-attrici. Illi f'kull kaz l-esponent b'ebda mod m'ghandu jwiegeb ghad-danni sofferti. Salv eccezzjonijiet jew risposti ohra.

Illi permezz ta' sentenza datata 5 ta' Dicembru 2012 l-Ewwel Qorti laqghat it-talba attrici fil-konfront tieghu u dan billi ordnatlu li jtella' qoxra mal-hajt gia existenti mertu tal-kawza a spejjez tieghu fi zmien xahar u fin-nuqqas tordna lill-attrici taghmel l-istess a spejjex tieghu taht is-supervizjoni tal-perit Ruben Sciortino b'dan illi l-ispiza tal-bini tal-qoxra m'ghandiex teccedi s-seba' mitt Ewro (€700). Bl-ispejjez kollha kontra l-esponent.

Illi l-esponent ihossu aggravat bis-sentenza suddetta u qieghed jinterponi dan l-umli appella ghal quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi gie manifestament ippruvat u ammess mill-istess konvenut illi kien huwa jew in-nies li kienu qed jahdmu taht is-supervizjoni tieghu li baqqnu l-hajt tal-attrici. Illi l-kwistjoni kollha ddur fuq jekk huwa kellux struzzjonijiet jew le li jbaqqan l-imsemmi hajt mill-esponent, haga li l-esponent dejjem cahad u jkompli jichad.

Illi l-konvenut xehed li huwa kien gar tal-partijiet u li kien inkarigat mill-esponent biex jaghmillu xi xoghol fil-fat tieghu li huwa fl-istess blokka ta' fejn ohtu l-attruici ghadha l-flat taghha. Illi l-flat tal-esponent u dak ta' ohtu huma

distinti minn xulxin u hemm kurridur fin-nofs u l-bibieb ta' barra jigu faccata ta' xulxin. Filwaqt li l-flat tal-esponent huwa msaqqaf, il-flat tal-attrici huwa wiehed bla saqaf fejn wiehed mill-hitan tieghu huwa l-hajt mertu tal-kawza. Dan il-hajt jidher aktar car fir-ritratt muri f'Dok YC 1 anness mar-rikors promotur. Illu huwa bil-wisq evidenti li dan l-ambjent m'ghandu xejn x'jaqsam mal-ambjenti tal-esponent li l-flat tiegh hwua ghal kollox distint u separate minn dak tal-attrici. Illi li da nil-fond huwa wiehed distint u separate jirrizulta wkoll mir-rapport tal-perit Joe Mangion li jghid: "*The property, in sell form state, comprises a staircase leading directly to first floor level. The staircase provides access to the airspace of same owner"l* (Dok YC1). Dan de resto huwa kkonfermat mill-istess konvenut fix-xheida tieghu tal-14 ta' Novembru 2012.

Illi jidher li l-Ewwel Qorti ma fehmitx il-fatt li filwaqt li huwa veru li l-esponent inkariga lill-konvenut jaghmel xi xoghol fil-flat tieghu, huwa fil-fatt ma nkarigah jaghmel l-ebda xoghol barra mill-flat tieghu u ghalhekk it-tbaqqin li l-konvenut ghamel fuq il-hajt tal-attrici ma kienx awtorizzat u lanqas inkarigat minnu biex jaghmlu. Illi hwua inverosimili li l-esponent qabbad lill-konvenut ibaqqan hajt li ma kienx tieghu meta huwa espressament kien avzah biex certi postijiet ma jidholx u ma jmisshomx ghax kienu ta' ohtu. Fuq il-hajt mertu tal-kawza ma kien hemm l-ebda diskors ghax l-esponent qatt ma seta' jipprevedi li l-konvenut se jidhol fil-post t'ohtu li ma kellu l-ebda relazzjoni mal-post tieghu.

Illi l-Ewwel Qorti jidher ukoll li emmnet il-verzjoni tal-konvenut illi l-lavrant tieghu dam ibaqqan gimgha u li l-attrici qatt ma waqqfitu. Dan ghandu mill-assurd. Kif tista' tapprezza din il-Qorti il-qies tal-hajt in kwistjoni ma jinvolvix tbaqqin ta' gimgha. Malli l-attrici indunat b'dak li kien qieghed jaghmel il-konvenut waqqfitu. Dak li sostna l-konvenut lanqas ma gie korroborat mill-lavrant tieghu stess stante dan ma giex prodott minnu bhala xhud. U allura wiehed jista' jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu ilghala da nil-lavrant ma ttellghax jixhed.

Illi l-esponent ma jistghax jikkondividi l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fejn qalet illi huwa kien ta' sikwit imur jara x-xoghlijiet u li ghalhekk ix-xoghol sar taht is-supervizjoni tieghu. L-esponent kien ta struzzjonijiet originarjament lill-konvenut dwar x'kellu jaghmel tant li ftehmu anke fuq prezz pero mbghad ma kienx imur daqstant frekwentement fuq l-istess post peress li huwa port worker u m'ghandux hinijiet. Illi huwa assurd li wiehed jasal biex jikkunsidra li l-esponent kien fthiem mal-konvenut biex ibaqqan u jkahhal il-hajt in kwistjoni meta dan ma kienx tieghu u **allura kien ser jidhol fi spiza zejda ghal xi haga li ma kienetx tieghu.**

Illi ghalhekk dak li l-esponent qieghed umilment jitlob lil dina l-Onrabbli qorti taghmel huwa li tevalwa jekk l-Ewwel Qorti ghamletx tajjeb li skartat il-verzjoni tieghu tal-fatti u tat kredibilita lill-konvenut. Huwa verosimili li l-esponent, li jaf li l-hajt mertu tal-kawza kien t'ohtu, ta struzzjonijiet lill-konvenut biex ibaqqnu? Huwa verosimili li ta dawn l-istruzzjonijiet, meta kien avzah beix ma jmiss xejn mill-proprjeta' ta' ohtu, li mbaghad talbu biex ibaqqan l-istess hajt? Huwa verosimili meta l-konvenut jghid li l-hajt in kwistjoni jaghti ghal fuq arja mhux zviluppata u fl-istess hin jghid li l-hajt fejn baqqan jigi n-naha tal-esponent? Il-konvenut kien jaf perfettament l-ambjenti tal-flat tal-esponent u li dawn kienu distinti mill-ambjenti l-ohra. Kwindi l-esponent qatt ma seta' tah struzzjonijiet biex ibaqqan hajt li ma kienx fl-interess tieghu li jigi mbaqqan. Illi l-konvenut kien jaf li l-hajt u l-ambjenti li kien jaghti ghal fuqhom kienu tal-attrici johrog mill-fatt illi in kontro-ezami jghid li waqt li kienq ieghed jaghmel ix-xoghol fil-flat tal-esponent, l-attrici talbitu biex idurilha l-bejt li jigi ezattament fejn hem mil-hajt in kwsitjoni. Kwindi l-konvenut ma jistghax jinheba wara subajgh u jghid li ma kienx jaf li l-ambjent fejn kien hem mil-hajt kien fil-fatt tal-attrici.

Ghal dawn oir-ragunijiet kollha l-appellant kjamat fil-kawza qed jitlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet "**Yvonne Camileri vs Alfred Caruana u b'digriet tal-qorti gie kjamat fil-kawza Ronnie**

**Camilleri" u dan** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-appellat Alfred Caruana fil-konfront tat-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent.

Bl-ispejjez kontra l-appellat Alfred Caruana.

**Rat** ir-risposta tal-appellata Yvonne Camilleri fejn gie sottomess:-

Illi l-istess sentenza appallata timmerita li tigi modifikata skond kif mitlub mill-appellant.

Illi l-esponenti taqbel mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-appellant. Fil-fatt il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija wahda inverosimili ghall-ahhar, kif anke se jigi trattat aktar 'il quddiem.

Ghalhekk l-appellata Yvonne Camilleri qed titlob li din il-Qorti tilqa' l-appell kif maghmul.

**Rat** li l-appellat konvenut Alfred Caruana nonostante li jirrizulta debitament notifikat naqas li jirrispondi ghall-imsemmi appell, pero' deher ghas-seduta u d-difensur tieghu ttratta oralment l-appell.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kif kompilati quddiem l-ewwel Qorti.

**Rat** Id-dokumenti esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie didderit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru, 2012.

Fl-avviz li ta' bidu ghal dawn il-proceduri l-attrici appellata Yvonne Camilleri tablet li l-konvenut appellat Alfred Caruana jigi kkundannat biex fi zmien li jigi ffissat mill-Qorti huwa iwaqqa' u jikkostruwixxi mill-gdid hajt divizorju fuq gewwa tal-fond numru 161, Flat 1, Triq is-Sultana, Paola u dan stante li ghamel hsara irreparabbli fl-imsemmi hajt meta baqqnu minghar awtorizzazzjoni ta' l-istess attrici.

L-imsemmi konvenut appellat irrisponda li jekk hemm xi htija ta' xi hadd, dan jista' jkun biss h hu l-attrici Ronnie Camilleri li in effett bl-ordni tal-ewwel Qorti gie kjamat fil-kawza.

L-imsemmi kjamat fil-kawzza hu fil-fatt l-appellant, li kien irrisponda fl-ewwel lok li mhux il-legittimu kontradittur u li qatt ma ta struzzjonijiet jew indika lill-imsemmi konvenut li dan tal-ahhar kellu jaghmel xoghlijiet fil-fond tal-attrici. Inoltre l-appellant kjamat in causa ssottometta li m'ghandux iwiegeb ghad-danni sofferti mill-attrici.

Permezz tal-imsemmija sentenza appellata l-Ewwel Qorti laqghat it-talba attrici fil-konfront biss tal-kjamat in causa u ordnatlu li jtella' qoxra mal-hajt gia existenti u in kwestjoni a spejjez tieghu fi zmien xahar u fin-nuqqas l-attrici giet awtorizzata taghmel hi stess, a spejjes tal-apellant kjamat fil-kawza taht is-supervizjoni ta' perit arkitet, b'dan li -ispiza tal-bini tal-qoxra m'ghandiex teccedi s-seba' mitt Ewro (€700). Inoltre l-ewwel Qorti ddecidit ukoll li l-appellant kellu jhallas l-ispejjez kollha.

L-imsemmi kjamat in causa hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ppresenta dan ir-rikors tal-appell.

L-aggravju li ssottometta il-kjamat fil kawza appellant jirrigwarda l-eccezzjoni tieghu li hu veru inkariga lill-konvenut Caruana biex jaghmel xoghol biss, pero, fl-appartament tieghu u mhux biex jaghmel xghol barra minn l-istess appartament. Kwindi x-xoghol ta' tbaqqin esegwit fuq il-hajt tal-attrici definittavament ma kienx gie awtorizzat minnu. Skond l-appellant, f'dan ir-rigward l-ewwel Qorti tat aktar importanza lill-verzjoni tal-konvenut

appellat u cioe’ li effettivament kien wiehed mill-lavranti tieghu li baqqan il-hajt in kwestjoni u dam mhux hazin biex jaghmel dan ix-xoghol u ma giex imwaqqaf minn hadd inkluza l-attrici. Din is-sottomissjoni fit-totalita’ taghha hi koncepita mill-appellant a bazi ta’ kongetturi li effettivament ma jsibu ebda bazi.

Apparti dan kollu din hi kwestjoni li hi essenzjalment wahda ta’ fatt u ta’ apprezzament tal-provi. Kif hu risaput din il-Qorti rari tiddisturba l-apprezzament ta’ fatt li jkun sar mill-ewwel Qorti. Hu indubbju li bl-ebda mod ma jirrizulta li tali apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti hu manifestament zbaljat jew li mhux ibbazat fuq il-provi rizultanti. A bazi ta’ dan kollu l-ewwel Qorti setghet, regolarment, tiskarta l-verzjoni tal-appellant u tghati iktar kredibilita’ lill-verzjoni tal-appellat konvenut.

Inoltre din il-Qorti thoss li hu verosimili li l-appllaant setgha struwixxa lill-konvenut appellat biex jaghmel xoghol fuq il-hajt in kwestjoni stante li l-istess hajt kien jappartjeni lill-attrici li tigi oht l-appellant. Hu appuntu minnhabba dan in-ness familjari li jrendi kredibbli li l-appellant ta’ struzzjoniniet biex isir xoghol ta’ tbaqqin fuq hajt li kien proprjeta’ tal-attrici appellata.

Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess l-appell tal-appellant kjamat in causa jimmerita li jigi michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-appellant Rennie Camilleri u tikkonferma “in toto” s-sentenza appellata cioe’ dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta’ Dicembru 2012 fl-istess ismijiet premessi.

L-ispejjez kollha ta’ dan l-appell jithallsu mill-appellant kjamat fil-kawza Rennie Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------